MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2005

Appell Kriminali Numru. 29/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Bonello)**

**Vs**
Saviour Spiteri

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-11 t'April, 2004 ghall-habta tat-8.30 a.m. fil-Marsa :**
**1) ghamel attivita tal-festa tal-Irxoxt minghajr il-permess mill-awtorita' kompetenti;**
**2) fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi xewwex gemgha ta' nies illi hekk imxewxa ngabru f'numru ta' ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat;**

**3) fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi ha parti attiva f'gemgha ta' ghaxra min nies jew aktar, migburin biex jaghmlu reat.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Jannar, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 20(3)(a) tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 68(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal tletin lira Maltin (LM30) multa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta' Frar, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitu hati w ikkundannatu ghal hlas ta' tletin lira (LM30) multa w konsegwentement tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- 1. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti w interpretazzjoni hazina tal-ligi. 2. illi fl-ewwel seduta d-difiza kienet eccepiet u ghamlet verbal fis-sens illi l-ewwel akkuza ma tammontax ghal reat u dana ghaliex sabiex vara titpogga ghall-wiri ma hemm bzonn ta' l-ebda permess minn awtorita' kompetenti w l-Ewwel Qorti lanqas biss ghamlet riferenza ghal dan il-verbal u qalet biss li qed issib lill-imputat hati; 3. illi l-appellant ma xewwex lil hadd. In-nies li dahlu gol-fond maghruf bl-isem ta' Ghaqda tal-Festa tas-Santissima Trinita' fi Triq Balbi, l-Marsa, dahlu bil-volonta' taghhom sabiex jaraw il-vara w xejn aktar u ghalhekk l-appellant qatt ma seta' jinsab hati tal-akkuzi numri tnejn u tlieta. 4. illi minghajr pregudizzju l-Prosekuzzjoni lanqas ippruvat il-fatt illi f' xi hin kien hemm aktar minn ghaxar minn-nies fl-istess hin waqt li l-vara kienet esposta ghall-wiri . 5. illi di piu' l-appellant zgur li ma kellux intenzjoni specifika rikjesta mill-ligi sabiex jikommetti reat tant li l-Ewwel Qorti stess qalet *"…l-akkuzat jidher li kien motivat mill-imhabba u mid-delizzju tieghu lejn l-irxoxt u lejn l-istatwi tal-festi."***

**Semghet il-provi mill-gdid;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza ser jigu ri-epilogati fis-sunt segwenti tad-depozizzjonijiet li nstemghu mill-gdid quddiem din il-Qorti :-**

PS 86 ANTHONY LIA **xehed li fil-11 t' April, 2004, f' xis-1.30 pm kellu telefonata minn Fr. Manwel Axisa li rraporta li dak in-nhar' xit-8.30 am kienet saret purcissjoni tal-Irxoxt u kienu anki harqu xi sfafar u musketterija . Il-Kappillan kien qallu ukoll li l-istatwa tal-Irxoxt kienet fuq van u li n-nies kienu qalulu li kien Saviour Spiteri l-appellant . Hu kien mar fuq il-post u ma rax vara u ma ra xejn, pero' sab sfafar go Balbi Street u f' ghalqa vicin il-Knisja tal-Marsa kif ukoll fdalijiet ta' musketterija mahruqa. Ta' dawn kienu ttiehdu r-ritratti esebiti. L-Ispettur Bonello kien ordnalu li jarresta lill-appellant Spiteri w hu interrogah fil-prezenza tax-xhud u sar statement bil-miktub li fuqu hu gharaf il-firma tieghu.**

L-ISPETTUR MARIO BONELLO **xehed li fil-11 t' April, 2004, il-Kappillan tal-Marsa, Fr. Manwel Abela kien infurmah b' dak li kien gara aktar kmieni fil-ghodu w kien semmielu lill-appellant li hu l-president tal-ghaqda maghrufa bhala "Tal-Kantina" . Kien ha stqarrija minn ghand l-appellant u gharaf il-firma tieghu fuq l-statement esebit. Ma rrizultax li kien inhareg xi permess biex sar dak li sar, la mill-Kunsill Lokali w lanqas mir-records tal-Pulizija. Il-vara kien fiha xi sitt piedi.**

PC 48 DESMOND DESIRA **xehed li minn verifiki li kien ghamel hu stess fir-records tal-Ghassa tal-Hamrun, ma kien hemm ebda permess biex tinharaq musketterija.**

PC 465 DANIEL ABELA **gharaf ir-ritratti esebiti li kien gibed hu stess.**

ADRIAN ATTARD **xehed li ma ntalbitx in-"*no objection*" fuq il-formola blu mill-Kunsill Lokali biex isir dak li sar.**

CHARLES PACE **xehed li dak in-nhar tal-incident , cioe' fl-Ghid tas-sena 2004, kienet tfaccat go Balbi Street , Marsa vettura fejn il-kazin imzejjna b' xi palm , miexja bil-mod hafna 'l isfel lejn il-Knisja w hu kien ra lill-appellant tiela w niezel fit-triq u deher li qed izomm il-hin x' hin ser tispicca l-quddiesa tat-8 am. Damu niezlin ghal ghoxrin minuta, kollox bil-kwiet. Meta l-vara waslet quddiem il-kazin inharqu hafna suffarelli u waqfu fil-kantuniera bejn Balbi Street u St. Thomas Street fejn "Il-Kantina" u xi tletin (30) ruh, kollha liebsin bil-flokk tal-festa ahmar u blu, bdew jixeghlu suffarelli . L-appellant kien liebes l-iswed. L-appellant kien qed jidderigi. Kif spiccat il-quddiesa , hargu l-Scouts bil-banda u x-xhud ta l-ordni biex jaghalaq St. ThomasStreet. L-Scouts kellhom il-permess ghal Church Parade . F' xil-8.45 am – 8.50 am spicca kollox u hu kien dahal fil-kazin. Kienu nharqu suffarelli quddiem il-kazini tal-football u tal-Labour u quddiem "Il-Kantina" . Il-Marsa hemm pika kbira bejn tal-armar tal-Kantina . Lill-appellant hu ma kienx rah jahraq nar.**

**In kontro-ezami dax-xhud qal li hu membru tal-Kazin Holy Trinity Band Club u fl-Scouts. Hu dak il-hin kien bejn l-Ghassa tal-Pulizija li kienet maghluqa u l-kazin tal-Banda. Dan jigi xi mitejn pass boghod u quddiem il-kazin tal-Labour ma kienx hemm dik il-kwantita' ta' nies li ma tagharfhomx u hu lill-appellant jafu.**

JOSEPH PACE **xehed li dak in-nhar hu kien ra dahna ta' suffarelli hekk kif kien hareg mill-Knisja pero' ma kien gharaf lil hadd.**

L-APPELLANT**, minn jeddu , xehed li hu jorganizza il-purcissjoni tal-Gimgha l-Kbira fil-Marsa u kien ordna vara ta' Kristu Rxoxt . Hu ried izanzanha fl-Ghid u ghalkemm kien ghadha ccappas, ghabba din il-vara fuq il-van/truck zghir . Nizzilha minn Triq Dicembru 13 u ghadda minn Zerafa Street, Marsa Road u Balbi Street. Hu kien responsabbli ghall-van tal-istatwa w ma kienx jaf li ried permess . Kien ipparkja l-van fuq il-pont u dahhal il-vara gewwa u n-nies baqghu jigu ghall-wirja. Hu veru kien liebes l-iswed dak in-nhar. Ix-Xhud Charles Pace hu avversarju . Suffarelli kien hemm imma mhux madwar l-istatwa. Il-jum ta' qabel kien hemm xi loghba football importanti w kienu nharqu suffarelli.**

PAUL DEBATTISTA **xehed li hu kien niezel ghal quddies tad-9 am u ra van bl-istatwa fuqu u kif din waslet tqabbdu hafna suffarelli u kien hemm dahna. . Lill-appellant rah idahhal l-statwa.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-ewwel imputazzjoni kontra l-appellant hija bazata fuq l-artikolu 20 tal-Kap.441 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprojbixxi lil xi persuna li jaghmel xi wirja pubblika minghajr il-permess tal-Kunsill Lokali jew xi purcissjoni jew attivita' ohra f' post pubbliku fil-kuntest ta' xi festa jew xi attivita' simili rrispettivament mill-isem li biha tissejjah minghajr permess mill-Kummissarju tal-Pulizija.**

**Issa mill-ezami tal-provi w partikolarment mid-depozizzjoni ta' Charles Pace u dik tal-appellant innifsu jidher li l-appellant kien iddecieda li proprju fil-jum tal-Ghid filghodu, fil-hin meta f' hafna bliet u rhula ohra ssir il-festa tal-Irxoxt , inizzel fuq truck/van imdawwar bil-palm , statwa gdida tal-Irxoxt minn diversi toroq ewlenin tal-Marsa biex jesponiha ghall-**

**wiri gol-fond tal-Ghaqda tal-Festa Santissima Trinita' go Balbi Street, Marsa. Dan il-van deher miexi bil-mod hafna u l-appellant deher qiesu qed jidderigi w jzomm il-hin biex in-nies jilhqu johorgu mill-quddiesa tat-8 am.**

**L-appellant meta xehed accetta r-responsabbilta' ghall-van bl-istatwa w s-sewqan tal-istess pero' qal li ma kienx jaf li kellu bzonn permess biex jaghmel dan. Jghid ukoll li ghalkemm kien hemm suffarelli dawn ma kienux qed jinharqu madwar l-istatwa. Qal ukoll li hu jorganizza l-festa tal-Gimgha l-Kbira .**

**Issa ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza l-motivazzjoni genwina tal-appellant li jnizzel din l-istatwa ta' Kristu Irxoxt ghall-wiri fil-fond fuq imsemmi u li dan l-agir tieghu kien motivat minn certu zelu w interess fl-istatwi u l-vari tal-Gimgha l-Kbira u tal-Ghid Imqaddes, hu ovvju li hu ppjana w ikko-ordina l-wasla tal-vara tal-Irxoxt proprju fil-hin li jkun hemm in-nies hergin mill-Knisja wara l-quddiesa tat-8 am fejn kellha anki ssir Church Parade mill-Scouts dak il-hin u meta hu maghruf li f' hafna postijiet f' Malta proprju dak il-hin isiru c-celebrazzjonijiet ta' Kristu Irxoxt. Ghalhekk l-agir tal-appellant ma kienx wiehed ta' xi garr semplici ta' vara minn post ghall-iehor imma ovvjament tentattiv biex jaghmel speci ta' celebrazzjoni tal-festa tal-Irxoxt billi l-vara tipprocedi esposta fuq il-van/ truck bi speed baxx fit-toroq ewlenin tal-Marsa u b'hekk jigu emulati c-celebrazzjonijiet f' lokalitajiet ohra. Jekk kif xehed hu kien jorganizza l-purcissjoni tal-Gimgha l-Kbira kien imissu jaf li biex isiru attivitajiet bhal dawn , kien mehtieg il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija jekk mhux ukoll tal-Kunsill Lokali. F' kull kaz umbaghad anki kieku kien vera li ma kienx jaf li kellu bzonn permess, l-injoranza tal-ligi mhix skuzanti fil-kamp penali. Umbaghad irrizulta mill-provi li l-appellant la kellu l-permess tal-Kunsill Lokali u lanqas tal-Kummissarju tal-Pulizija. Ghalhekk din il-Qorti tara li l-ewwel imputazzjoni tirrizulta pruvata.**

Mhux l-istess pero’ fir-rigward tat-tieni w t-tielet imputazzjonijiet. Fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti ma jirrizultax li l-appellant kien xewwex xi gemgha ta’ nies illi hekk imxewxa ngabru f’ numru ta’ ghaxra jew aktar biex jaghmlu reat u li ha parti attiva f’ gemgha ta’ ghaxar minn-nies jew aktar migburin biex jaghmlu reat. Kif gja rriteniet fil-kawza **“Il-Pulizija vs. Domenic Andrew Spencer**” deciza llum stess, jidher li kull ma gara kien li meta xi nies indunaw li kienet ser tingieb gol-fond tal-Ghaqda maghruf bhala l-“Kantina” statwa gdida tal-Irxoxt fl-ghodwa tal-Ghid, ingabru biex jarawha, forsi wkoll b’certu entuzjazmu festiv tal-okkazzjoni tal-Ghid iva, imma zgur li dan ma jistax jigi deskritt bhala li sar bil-ghan li jigi kommess delitt. Jidher li dak li sar kien spontanju w xi briju li kull min kien prezenti kien responsabbli ghalih bhal capcip, ghajjat u xi hruq ta’ suffarelli - w dan terga’ mhux fil-kaz tal-appellant - kien ir-rizultat ta’ agir spontanju w mhux ta’ xi attruppament konsistenti f’ gemgha ta’ ghaxar minn nies migburin bil-hsieb li jaghmlu reat, kif kontemplat fl-artikolu 68 tal-Kap. 9. Konsegwentement la tirrizulta t-tieni w lanqas it-tielet imputazzjoni.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni w tat-tielet imputazzjoni w in kwantu kkundannat lill-appellant ghal tletin lira Maltin (LM30) multa u minnflok tilliberah minn dawn iz-zewg imputazzjonijiet u l-piena relattiva w tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w , in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u l-kondotta assolutament incensurata tal-appellant tilliberah a tenur tal-artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum .**

**Il-Qorti spjegat il-portata ta’ dan il-provvediment lill-appellant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------